Ġrajja ta' 75 sena ilu:

# IT-TERREMOTI TA' NOFS JANNAR, 1923

— *Tagħrif miġbur minn Toni Calleja* —

*Introduzzjoni:*

Tal-biża! Terremot... kelma li tkexkex. Fost id-diżastri goffi kollha li taf toffri n-natura, it-terremot huwa x'aktarx l-agħar wieħed fosthom għax jiġi fuqek bħall-ħalliel, bla ebda avviż ta' xejn. In-nar tarah, ixxomm id-duħħan u tisma' t-tfernieq tiegħu; l-għarrar ma jaqax f'daqqa, l-ilma li jżid ma kulma jmur huwa xorta ta' avviż u bi ftit jew wisq fortuna tista' b'xi mod taħrabhom! Imma t-terremot? Biżżejjed ngħidu li terremot wieħed li għamel f'Tangshan, iċ-Ċina, fl-1976, kien il-kaġun li dikment bagħat id-dinja l-oħra, quddiem Alla, xejn anqas minn 650,000 ruħ. Daqstant hux fenominu tal-biża t-terremot! Għandhomx tabilħaqq raġun il-popli – l-aktar dawk mġarrba – jitkexkxu quddiem biss it-tlissina ta' dan il-flaġell!

Xjenzati ġeoloġisti f'dawn l-aħħar għoxrin, tletin, sena sabu teorija ġeoloġika msejħa *Plate tectonics*. Din toffri spjegazzjoni fiċ-ċaqlieq tal-kontinenti *(continental drift)*, fil-formazzjoni tal-muntanji u vulkani. Nistgħu ngħidu għalhekk li sa fl-aħħar iċċarat ferm u sew it-teorija ta' dak li jista' u qiegħed jikkaġuna terremoti jew aħjar theżżiż fl-art. Dawn ix-xjenzati jpoġġu lil Malta kważi eżatt fuq il-linja ta' bejn l-*Eurasian Plate* u l-*African Plate* – tnejn minn xi tnax-il *plate* li minnhom hija komposta l-qoxra tad-dinja li ngħixu fuqha.

Il-ġeoloġisti huma tal-fehma li l-art Maltija m'hix waħda siżmika: "... Fiċ-ċaqlieq ta' l-art Malta u Għawdex ma jagħmlux maz-zona ta' l-arċipelagu Grieg, u għalhekk niżżu ħajr 'l Alla ma tantx jaffettwawna dawk [it-terremoti] li jsiru ta' spiss 'l hinn ...".(1) Safrattant meta fettillu, terremoti seħħew ukoll. Fl-annali ta' l-istorja nsibu rapporti dwar terremoti li ġraw f'pajjiżna fl-1582, 1638, 1643, 1644, 1650, 1653, 1654, 1657, 1658, 1675, 1693, 1694, 1700, 1741, 1743, 1756, 1789, 1856, 1858, 1861, 1862, 1863, 1865, 1886, 1903, 1907, 1908, 1910, 1911, 1914, 1917, 1922, 1923, 1924, 1926, 1927, 1949, 1962, 1972, 1980, 1983, 1990, 1994, 1995 u 1997 fost oħrajn li jew ma ltqajniex magħhom aħna jew li forsi ma ġewx irrapportati.

Uħud minn dawn it-terremoti kienu pjuttost kbar u b'replika ripetuta; oħrajn kienu sempliċement theżżiżiet żgħar li minnhom fid-dinja jinħassu kuljum. Minkejja li fil-gżejjer tagħna qatt ma ġew irrapportati mwiet permezz ta' dan il-flaġell, il-biża kbir u l-paniku li ta' kull darba kien jitnissel fil-popolazzjoni kienu minn xi ħabtiet eżorbitanti. Għax ngħiduha kif inhi, nippretenduha kemm nippretenduha, min minna jixtieq jesperjenza okkorrenza simili!?

*Riferenzi:*

1: Kav. J. Galea, *Art Twelid'*, Malta 1984, pp. 166-167.

*Il-15 ta' Jannar, 1923:*

Il-ġurnata kienet it-Tlieta. Kien jum ċar u safi li twieled b'riħ nofsinhar it-tramuntana forza tnejn. Ma tlugħ ix-xemx, ir-riħ beda jbatti – sar forza wieħed – u xaqleb għat-tramuntana. Sa nofsinhar ir-riħ mar nofsinhar it-tramuntana li mal-mogħdija tal-ħin beda jissaħħaħ. Sa nofs il-lejl reġa' sar forza tnejn.(2)

Niddubita jekk il-kronisti Għawdxin kellhomx xi ħaġa aktar denja ta' nota minn dan li rrapportajna aħna biex jimlew il-paġna tad-djarji tagħhom għall-jum tal-15 ta' Jannar, 1923! Kollox normali, xejn straordinarju ... ħlief ...

***Dun Karm Cachia jeħber terremot:***

It-Tlieta, 15 ta' Jannar tas-sena 1923 – Tereża Grech, mir-Rabat, nepputija ta' Mons. Lwiġi Vella, telgħet iż-Żebbuġ għand Dun Karm Cachia: ***"Illum sejjer jagħmel terremot"***, qallha, ***"imma ma jagħmilx ħsara"***.

X'ħin Mons. Lwiġi Vella, li kien Rettur tal-Knisja ta' l-Adorazzjoni Perpetwa *ta' Savina* sama' b'dan, ordna, għal li jista' jkun, biex il-bibien tas-sagristija jitħallew miftuħa, biex in-nies li jkunu fil-knisja, jistgħu joħorġu malajr.

Fis-sagħtejn neqsin kwart, inħasset theżżiża ta' terremot. ***"Hawn hu ta' Dun Karm"***, qabeż qal Dun Alwiġ.(3)

Fit-3.00 ta' wara nofsinhar, theżżiża oħra. Minkejja l-fatt li ż-żewġ theżżiżiet kienu ta' intensità negliġibbli, f'Għawdex ħasshom kulħadd.(4) Għalkemm ma ħolqux paniku istantanju fost il-popolazzjoni, l-ansjetà kienet evidenti għax kulħadd kien qed jistenna r-replika li ġeneralment tkun ta' ntensità bil-wisq aktar qawwija. In-nies ma tlumhomx għax kienet mixgħufa ... apparti t-terremot ta' biss sena qabel, fil-perjodu ta' bejn l-1910 u l-1917, kienu inħassu xejn anqas minn disa' theżżiżiet!(5)

***It-terremot ... rakkont ta' min ġarrbu:***

Aktar tard filgħaxija, ħabta tas-7.15, inħasset theżżiża oħra, din id-darba ferm aktar qawwija – il-wisq prevista iżda le mixtieqa replika; l-appuntament tan-natura mat-tradizzjoni tal-bnedmin! "... Il-ħsejjes jirbumbjaw, taħbit ta' bibien, ġir jaqa' mis-saqaf ikkawżaw paniku kbir ...".(6)

Il-qawl Malti jgħallimna li jekk trid tkun taf staqsi lill-imġarrab. Hekk għamilna. Snin ilu – għax ilni wisq bil-ħsieb ta' dan l-artiklu – staqsejt lil wisq illustri kumpajżan tagħna, Patri Alfons Marija Camilleri O.F.M. (*il-Patri ta' Sika ta' Mudesta:* 1910-1994) li allura dak inhar kien joqgħod fi Sqaq il-Knisja, f'dik l-istess dar li sal-lum għadna nsibuha bħala id-'*Dar tat-Tuta*', biex jirrakkontali fid-dettal l-memorji tiegħu personali tat-terremoti ta' nofs Jannar, 1923. U Patri Fonz kellu dan

---

2: NAG, GL, 01/27. Ara taħt id-data tal-15 ta' Jannar, 1923.

3: A. VELLA, *Iż-Żebbuġ u l-Ġrajja Tiegħu*, Legion Press 1963, p. 115. Ara wkoll, *Il-Messaġġier ta' Marija*, it-Tielet numru: Ottubru-Diċembru, 1966, p. 14.

4: R. BUHAGIAR, *(From A/Master Garbo, to Officer i/c Met. Observatory): Seismic Disturbances felt in Gozo on the 15th and 16th January 1923*, f'Journal of the Malta Historical and Scientific Society – Archivum Melitense, Vol. III, September, 1924, no. 2, p. 77.

5: DR. THOS. AGIUS, *Recent Local Seismic Disturbances (1)*, f' Archivum Melitense, Vol. III, September, 1924, no. 2, p. 73.

6: G.N. CASSAR, *The Missing Chapter in Gozo's History*, fil-Malta Year Book, 1964, p. 281.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| A.M. | | | | | 15th Jan 23 |
| 8 (1) | B.C. | N. | 1. | | |
| 2 | | | | | |
| 3 | | | | | earth quake [illegible] 1.45 pm, |
| 4 | | | | | 2.45 P.M. & 7.25 P.M. |
| NOON 5 | B.C | N.N.W | 1. | | |
| 6 | | | | | |
| 7 | | | | | |
| P.M. 8 (9) | B.C | N.N.W. | 1. | | |
| 10 | | | | | |
| 11 | | | | | |
| Midnight | B.C | N.N.W | 2 | | |

Recapitulation of special Services and Rummaging of Vessels.

Customs Form No. 106. Head Keeper

Log Book of Gordan House Gozo from 16th Jan 1923.

| Hour | State of weather ~~and of Sea~~ | Direction ~~and Force~~ of wind | Force ~~Course~~ | Motor setting and stopping | Casualties and Remarks |
|---|---|---|---|---|---|
| A.M. | | | | | |
| 8 (1) | B.C.M. | N. W. | 3. | | |
| 2 | | | | | |
| 3 | | | | | |
| 4 | | | | | |
| NOON 5 | B.C.M. | W.N.W | 3. | | earth quake [illegible] at 9.15 P.M. |
| 6 | | | | | |
| 7 | | | | | |
| P.M. 8 (9) | B C.M. | W | 3. | | |
| 9 | | | | | |
| 10 | | | | | |
| 11 | | | | | |
| Midnight | C.M. | W. | 5 | | |

Mil-*Log Book* tal-Fanal ta' Ġurdan: ir-rapport tal-15 u s-16 ta' Jannar, 1923

x'jirrakkonta:

*"... Niftakar tajjeb ħafna għax kont ikbar ukoll, dawk it-terremoti li saru f'Għawdex f'Jannar, 1923 u li f'Malta ma tantx kienu nħassu. Meta nħasset it-theżżiża ta' l-ewwel wieħed li kien aktarx l-iżjed qawwi* (b'riferenza għal dak tas-7.15 p.m. tal-15 ta' Jannar), *kont waħdi fil-għorfa nlesti l-home work għal 'l għada; kien wara nofs inhar. Xħin ħassejt kollox jiċċaqlaq bija, naf li qbadt mal-mejda ta' quddiemi u bdejt inwerżaq. L-istess għamlu ommi u ħuti li kienu ġo l-għorfa l-oħra, sakemm ħriġna fuq is-setaħ, kif ħareġ kulħadd, il-ġirien kollha, kulħadd għajta waħda: "terremot, terremot", kelma li dak il-ħin tkexkex u tbikkem. Li skossi baqgħu sejrin għal diversi ġranet, ma niftakarx kemm; kultant kemm jinħassu u kultant iżjed qawwija; id-dar saret donnha tbeżża' lil kulħadd, u ma tixtieqx tidħol ġewwa. Mal-lejl konna ngħamlu ħin twil wara l-Barka* [Sagramentali], *hemm ħdejn il-Knisja, u ġie li għaddejna lejl sħiħ fit-terran ta' Brendu* (Karmnu Camilleri: 1876-1937) *li kien jiġi ħu missieri. Kienu joqogħdu ħdejn id-dar ta' Salvu Gambin fi Triq il-Misraħ* (illum Triq il-Knisja).

*Meta t-terremoti għaddew u ma nħassux iżjed, kien hemm min xorta waħda baqa' mbeżża' żmien twil. Wieħed minn dawn kien Mons. Cordina. Kien jgħallimna r-Reliġjon fis-Sekondarja u xi tfal xħin ifettlilhom kienu jagħmlu ħoss taħt il-bank, u jgħajtu: "terremot, terremot". Ta' kull darba, Mons. Cordina kien iqum jiġri mwerwer. It-tfal jinqdew b'kollox, anki terremot biex iwaqqgħu bniedem għaż-żufjett ... u hekk għamlu lill-Mons. Cordina allavolja kien bniedem ċajtier mill-aqwa ..."*.(7)

Tkellimt ma' xi Għasrin oħra u li wkoll għexu dawk il-mumenti ta' biża u tensjoni; dawk il-ftit li fadal ... l-esperjenzi tagħhom kienu simili għal dawk espressi minn Patri Alfons ... in-nies kullimkien barra li bdiet tfittex li titwennes bil-kumpanija ta' xulxin, irrikorriet ukoll għall-interċessjoni tal-qaddisin, fosthom il-Madonna Ta' Pinu meqjuma fil-kappella ċkejkna tagħha ta' *Wara ta' Għammar* u ta' Sant'Ursla, kumpatruna ta' Għawdex u Patruna tat-Terremoti, meqjuma fil-Katidral tad-Djoċesi Għawdxija.

***'L għada, aktar terremoti:***

'L għada, 16 ta' Jannar, għall-ħabta tad-9.20 ta' filgħaxija nħasset theżżiża oħra li minkejja li ma kinitx qawwija daqs l-oħrajn, damet aktar minn dik tas-7.15 ta' filgħaxija tal-jum ta' qabel.

Il-kronisti u l-istoriċi li kitbu dwar dan it-terremot jgħidulna li l-eċitament u l-biża fost il-popolazzjoni kompla żied fl-intensità tiegħu. In-nies beżgħet tidħol taħt is-saqaf u minn ħin għall-ieħor bdew jixterdu xniegħat ta' aktar theżżiżiet żgħar. Hi ħaġa naturali, u tistenniha, li f'ċirkustanzi ta' din ix-xorta, frott l-eċitament, ix-xniegħat jibdew jimbtu bħall-ħabaq u jimbelgħu sal-griżmejn bla wisq tbatija għax il-kelb il-mismut kull ilma jaħsbu misħun!

Fl-Għasri għadhom jgħidu biha sal-lum: xi ħadd minn *tad-Daqqaq* (xi membru mill-familja ta' Salvu Galea li kienu jabitaw fi Sqaq il-Knisja) huwa rrapportat li qal li meta nħasset it-theżżiża l-kbira tal-15 ta' Jannar, minn fuq il-branda fejn kien mindud, lemaħ il-kwiekeb minn bejn ix-xorok! *Madunna Sentissme!* Ir-rapporti ta'

7: PATRI ALFONS M. CAMILLERI O.F.M. lil TONI CALLEJA; 25 ta' Novembru, 1985, pp. 24-25.

osservaturi Għawdxin li qalu li waqt it-theżżiżiet raw leħħ ta' dawl jew beraq tilgħin mill-baħar huma numerużi.

Għall-ewwel wieħed jaħsel jieħu dawn ix-xniegħat b'nofs tbissima. Jew biex ikun aktar kawt jgħid li dawn ir-rapporti huma qerq l-għajnejn frott l-istat ta' eċitament u l-biża li parzjalment kien qed jikkondizzjonalhom il-funzjoni u jiddisturba l-kapaċità mentali tagħhom. Ċertu Professur Alfano jsemmi li leħħ ta' dawl simili kien ġie osservat waqt it-terremoti ta' Basilicata f'Diċembru, 1857, Casamicciola fl-1883, f'dak ta' Andalusia f'Diċembru, 1884, f' ta' Monteleone f'Settembru, 1905 u waqt dak ta' Messina f'Diċembru, 1908. It-Tabib Thos. Agius, tas-Soċjetà Meteorologika, f'*paper* moqrija nhar it-13 ta' Marzu, 1923, qal li minkejja li ħafna jqisu dawn ir-rapporti bħala biss illużjoni, hu kellu evidenza biżżejjed li ġġagħlu jemmen li f'dak li nnotaw diversi nies Għawdxin, hemm xi bażi ta' verità.(8)

**Jirrikorru għall-interċessjoni tal-Qaddisin:**

Maħkuma minn dan il-biża, l-Għawdxin – għax it-terremot l-aktar li nħass kien f'Għawdex – ma kellhomx triq oħra ħlief li bi ħġarhom jirrikorru għall-interċessjoni tal-Qaddisin:

"... F'xi s-7 ta' filgħaxija konna d-dar sa norqdu f'daqqa waħda bdejna nħossu it-theżhiża (theżżiża) tat-terremot. Ħriġna niġru ... Kulħadd inġabar fil-pjazza mwerwer għax kien terremot qawwi, u bħas-soltu l-poplu fittex il-kenn u l-faraġ tiegħu fil-knisja. Il-kappillan [tal-Qala] fetaħ il-bibien u espona s-sagrament, u kulħadd qagħad jitlob fis-skiet aktarx imġenneb lejn il-bibien biex mal-ewwel theżhiża (theżżiża) joħroġ 'il barra malajr ...".(9)

"... Tant tnissel biża fost niesna dakinhar li l-knejjes tħallew miftuħa anki bil-lejl u hemm il-poplu kien jiffolla sabiex jitfarraġ ...".(10)

"... indaqqew il-qniepen tal-knisja ***(*ara nota fl-aħħar nett)***, il-knejjes ġew miftuħa għall-pubbliku u ħlejjaq ta' nies minn diversi partijiet tal-gżira telqulha lejn is-Santwarju Ta' Pinu u lejn postijiet oħra ta' qima biex bid-devozzjoni jitolbu ħniena mingħand Alla ...".(11)

" ... niftakar pellegrinaġġ li għamilna aħna n-nies tar-raħal ta' l-Għasri għal Ta' Pinu ...".(12)

"... Ma nsemmux it-theżżiż tal-art tal-15 ta' Jannar tal-1923 (5 darbiet) u tas-16 ta' l-istess xahar (darbtejn), meta n-nies ferm beżgħet, u dlonk irrikorriet lejn Sant'Ursla, li ġiet esposta, il-Katidral, fuq l-Artal tal-Appostli, fil-ġranet 16, 17, 18, 19, 20, 21, ta' l-istess xahar, meta ħlejjaq kbar ta' nies telgħu jitolbuha tħarishom minn terremoti ġodda: u, il-Ħadd ta' wara, 21 ta' Jannar 1923, ġiet meħuda il-Kapuċċini, bi proċessjoni, li ħadu sehem fiha fratellanzi, kleru, kanonċi, l-Isqof u ħlejjaq kbar ta' nies, li mar erba' kelmiet jgħamlilhom hemm isfel, is-Saċerdot M'Ang Grima, Viċiparroku ...".(13)

---

8: DR, THOS AGIUS, *Recent Local Seismic Disturbances*; p. 75.

9: A. BUTTIGIEG, *Mill-Album ta' Ħajti*, Edizzjoni Klabb Kotba Maltin – 1978, Vol. I, p. 117.

10: K. APAP, *It-Terremoti* (kitba mhux ippubblikata li kopja fotostatika tagħha tinsab għand l-awtur ta' dan l-artiklu), p. 3.

11: R. BUHAGIAR, *Seismic Disturbances felt in Gozo;* p. 77.

12: PATRI ALFONS M. CAMILLERI O.F.M. lil T. CALLEJA, 6 ta' Marzu, 1989, p. 3.

Bħala ringrazzjament lil Alla u lil Madonna għal waqfien mit-terremoti, xi parroċċi, fit-18 ta' Jannar, wara nofsinhar organizzaw pellegrinaġġ penitenzjali ġenerali għal Ta' Pinu.[14] Fl-24 ta' Jannar, mill-Kurja Veskovili nħarġet ċirkulari għall-attenzjoni tal-Arċiprieti, Kappillani u Retturi tal-knejjes, fejn Mons. Isqof ordna li fil-Ħadd li kien imiss, allura 28 ta' Jannar, fost orazzjonijiet oħra, jitkanta *"Te Deum"* sollenni bħala ringrazzjament lil Alla għal waqfien tat-terremoti u għax-xita li kien għoġbu jibgħatilhom.[15]

***Il-Bilanċ tat-terremoti:***

L-intensita tat-theżżiżiet qatt ma kienu qawwija biżżejjed li jikkawżaw ħsarat serji. Ġie rapportat xi qsim u xquq li ffurmaw fil-blat fil-viċinanza ta' Kap San Mitri u oħra matul waħda mit-toroq li miż-Żebbuġ tieħu lejn Wied il-Għasri. Fissura oħra kienet irrapportata li ffurmat f'Ras il-Qala, fuq l-għoljiet, qrib il-baħar. F'Ħondoq ir-Rummien, qrib il-Qala, ġiet irrapportata fissura oħra li wkoll iffurmat ruħa waqt it-theżżiżiet.

Ġie definittivament aċċertat li t-theżżiżiet, l-aktar li nħassu kien fit-tramuntana u fil-grigal ta' Għawdex u li d-direzzjoni taċ-ċaqlieq siżmiku żviluppa mid-direzzjoni tat-tramuntana.[16]

---

13: P. CAUCHI, *Sant'Ursla V. M. Kumpatruna ta' Għawdex;* Għawdex 1926, pp. 30-31.

14: NAG, *Għarb Boys School, Log Book No. 5;* Oct. 1920 - Nov. 1923, p. 77. Ara taħt id-data msemmija.

15: AEG, AE, ċirkulari nru. 1/1923.

16: DR. THOS. AGIUS, *Recent Local Seismic Disturbances*; p. 73.

***Nota:*** Fl-antik kienet teżisti d-drawwa – f'xi parroċċi kien għadha teżisti sa xi ħamsin sena ilu – li waqt it-tempesti l-kbar u meta jinħass xi terremot, kienu jindaqqu l-qniepen tal-knejjes sabiex Alla jkollu ħniena u ħadd ma jġarrab ħsara. Min-naħa l-oħra, in-nies fi djarhom kienu jdawwlu xi xbiha tal-Madonna bix-xemgħa tal-Gandlora u jinxteħtu quddiema jqasstu l-litanija tal-Madonna, fost orazzjoni u taqbil reliġjuż ieħor ... dejjem skond iċ-ċirkustanzi. Min kien ikun xi ftit ta' l-iskola, kien ifittex li mir-Ritwal Ruman jgħid il-litnija t-twila tal-Qaddisin, speċjalment l-aħħar parti tagħha fejn jissemmew wieħed wieħed il-fenomini/flaġelli kollha tan-natura: pesta, sajjetti, tempesti u terremoti fost l-oħrajn. Għal kull invokazzjoni, in-nies kienet twieġeb ħerqana, *"Libera nos Domine* – Eħlisna Mulej".

